MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 465/2008

F. Advertising Limited (C-27689).

Vs

Brian u Mary Fleur konjugi Pace.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn u sitta u disghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2,096.43) minghand il-konvenuti, rapprezentanti dritt ta' reklamar dovut lis-socjeta' attrici ai termini ta' skrittura privata datata 28 ta' Ottubru 2006 debitament iffirmat minnhom. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2007 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elfejn u sitta u disghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2,096.43), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------